**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Albert u Rita Palmier

vs

Mary Rose Vella - Serena Holidays Limited

CCT G/2/17/MS

30 ta' Novembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fid-19 ta' Jannar 2017 fejn talbu r-rifuzjoni ta' €3,500 bhala kumpens ghall-okkupazzjoni ta' appartament mehud b'sistema *time-share* ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena jew iktar, liema *time-share kellu* jigi abbandunat qabel il-waqt wara nuqqasijiet serji ta' manteniment fl-istess appartament kif ukoll fl-amministrazzjoni tas-suppost kumpanjia li kienet qieghda tigestixxi dan it-*time-share*.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fl-1 ta' Frar 2017 fejn eccepew illi i) id-domandi in kwantu diretti kontra Mary Rose Vella u Serena Holidays Ltd ma jistghux jissusistu peress illi dawn m'ghandhomx x'jaqsmu xejn mal-atturi; ii) illi l-legittimu kontradittur huwa Meloby Limited, kumpanija registrata fl-esteru li maghha kkuntrattaw l-atturi; iii) illi sa fejn jafu fil-kuntratt ta' *time-share* hemm klawzola ta' gurisdizzjoni izda l-intimati m'ghandhomx access ghad-dokumenti Meloby Ltd; iv) illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti xehdu illi fis-sena 2003 huma xtraw *time-share* fis-Serena Beach Club Hotel. Id-direttur ta' dan il-beach club hija Mary Rose Vella. It-terminu ta' dan it-*timeshare* kien ghal xi hamsa u ghoxrin sena jew ftit iktar u b'kollox hallsu l-ammont ta' Lm4,750. Gawdew dan it-time-share mill-2003 - 2015 - u cjoe' ghal tnax il-sena. Fit-2015 ir-rikorrenti osservaw illi waqghu l-istandards tal-appartament u xtaqu jaghmlu bdil ma'

appartament iehor. Hawnhekk beda l-inkwiet ghar-rikorrenti fejn dawna gew rinfaccjati b'infurmazzjoni konfliggenti u kumpaniji registrati barra minn Malta fejn ir-rikorrenti ma setghux jiehdu sodisfazzjon.

Skond ittra datata Lulju 2003 iffirmata minn Joseph Vella - ir-ragel tal-intimata Mary Rose Vella - is-sur Vella kien qed joffri lir-rikorrenti sena shubija ma' Interval International li kien 'affiliated resort' ma Hotel Serena Beach Club. Bhala membri (versu pagament) huma kellhom access ghal quality resorts f'75 pajjiz madwar id-dinja. Permezz ta' email datat 1 ta' April 2016 certa Kiki Staikou ta' Interval International infurmat ir-rikorrenti li Interval International ma kienux aktar affiljati ma' Hotel Serena Beach Club peress illi dina tal-ahhar waqqghat l-istandards u kienu qeghdin jircievu volum kbir ta' ilmenti rigward l-istess beach club. Skond ma qalet Staikou, din ir-relazzjoni giet terminata approssimament ghaxar snin qabel. Jidher ghalhekk illi bejn is-sena 2003 u 2006 Interval International kienu affiljati ma' Hotel Serena Beach Club (ara ittri datati 1/1/05 u 1/1/06) u li t-terminazzjoni ta' din ir-relazzjoni f'xi zmien fis-sena 2006 qatt ma giet a konjizzjoni tar-rikorrenti. Terga' u tghid illi korrispondenza li kienu jircievu r-rikorrenti mill-bidu nett (2003) dejjem tidher illi kienet intestata taht il-kumpanija Meloby Ltd allegatment b'indirizz registrat f'Gibraltar, pero' dejjem moghtija indirizzi registrati differenti: u cjoe' daqqa 2a Main Street, P.O Box 516 Gibraltar u daqqa Superport 60, Queensway Gibraltar. Ma ngabet ebda prova dokumentarja ufficjali dwar ir-registrazzjoni formali ta' din il-kumpanija f'Gibraltar. Anke l-ismijiet tal-kumpaniji affiljati tbiddlu regolarment. Ir-rikorrenti pero' dejjem hargu cekkijiet f-isem Meloby Limited (li f'bosta dokumenti tidher affiljata ma' Hotel Xlendi Resort & Spa u f'ohrajn ma' Serena Beach Club) u kienet l-intimata Mary Rose Vella li ffirmat a tergo tac-cekkijiet ghan-nom ta' Meloby. Pero' skond il-Purchase Terms tal-kuntratt, il-pagament kellu jsir lil Hutchinson & Co Serena Beach Club. Mhemm xejn li jindika illi l-pagamenti kellhom isiru lil Meloby Ltd. Skond dokument mahrug mill-Registratur tal-Kumpaniji (15 ta' Gunju 2017), din il-kumpanija Meloby Ltd mhijiex registrata Malta.

Ikkunsidra

Illi fl-eccezzjonijiet taghhom, il-konvenuti qeghdin jallegaw illi huma mhumiex il-legittimi kontradittturi, m'ghandhomx x'jaqsmu xejn mal-atturi u se mai kienet il-kumpanijia Meloby Limited li maghha kkuntrattaw l-atturi. Oltre eccezzjoni ta' gurisdizzjoni skond dak li jinghad fil-kuntratt ta' *time-share*.

Ikkunsidra

Illi mill-provi gia prodotti it-Tribunal ghandu dubji serji dwar l-esiztenza o meno tal-allegat kumpanija Meloby Ltd. Inghad illi dina hija registrata f'Gibraltar, pero' kif muri aktar 'l fuq ma ngabet l-ebda prova dokumentarja dwar l-esiztenza ta' din il-kumpanijia. Ghalhekk

ghall-fini ta' dan il-gudikat, it-Tribunal mhuwiex sejjer jikkunsidraha bhala kumpanija ta' responsabbilta' limitata skond il-ligi. Jidher illi l-konvenuti dahlu f'inkwiet diversi nies fuq dan il-progett ta' *time-share.* Hekk per ezempju insibu sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet **Frank u Emanuela konjugi Frendo vs Joseph Vella et**, prezentata fl-atti mir-rikorrenti fejn f'pagna 9 il-Qorti qalet fost affarijiet ohra *" ..... hekk ukoll il-fatt illi nghata indirizz li qatt ma kellux x'jaqsam mal-kumpanija estera Meloby Limited, li ghaliha suppost kien qed jidher Joseph Vella fuq il-kuntratt, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-kumpanija l-ohra Hutchinson & Co. Trust Compnay Limited, li l-istess Joseph Vella qatt ma rraprezentaha u lanqas huwa impjegat taghha, minkejja l-impressjoni li tinghata fuq l-istess kuntratt dwar l-involviment dirett taghha, huma wkoll indikattivi li Vella ried jinganna ...... "*

Ikkunsidra

Filwaqt illi huwa minnu li socjeta' ta' responsabbilta' limitata ghandha personalita' giuridika distinta u indipendenti guridkament, kemm mill-azzjonisti kif ukoll minn kull persuna li tokkupa xi kariga fiha, ma jfissirx illi dina hija "blanket provision" illi ma tistax tigi disturbata u fejn kien il-kaz il-Qrati taghna dejjem raw kif warrbu dan il-*corporate veil* sabiex jigi pprojibit agir disonest minn kumpaniji.

Fil-kawza fl-ismijiet **"Supermarkets (1960) Limited vs Lekram Developments Company Limited"** deciza fit-22 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Appell qalet fost affarijiet ohra *"billi l-hekk imsejjah corporate veil huwa appuntu velu u mhux xi purtiera tal-hadid li warajh tista' tahbi u tnezzi kwalunkwe operat, anki forsi dak illi jirraprezenta abbuz tal-process gudizzjarju."* L-istess hsieb huwa rifless fis-sentenza **Nevada Limited u Cristad Limited vs Hubert Mifsud; Stefan Mifsud u Silvan Mifsud f'isimhom proprju; u H. Mifsud & Sons Limited,** fejn il-Qorti qalet *"il principju ewlieni li fuqu hija mibnija l-ligi taghna, li jeghleb il-principji l-ohrajn u l-finzjonijiet legali kollha, huwa l- principju tal-bona fides. Jekk is-socjeta` serviet bhala lunga manus biex il-konvenuti evadew l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghhom ..... mela, bhala strument taghhom kontrollat ghal kollox minnhom, ikollha twiegeb daqshom. F'gieh il-harsien tal-principju ewlieni tal-bona fides, il-Qorti ghandha wkoll is-setgha li thares lil hemm mill-finzjoni legali biex taghmel il-haqq u s-sewwa – biex, fil-kaz tallum, tafferma illi pacta sunt servanda. Dan il-principju gia`affermatu l-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali,f'sentenza moghtija fit-22 ta' Jannar 1992 fil-kawza flismijiet Avukat Dr. Jose` Herrera nomine et versus Tancred Tabone et nomine."*
Konferma ohra insibuha fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Imhallef Alberto Giuseppe Magri et vs Aeroflot Russian Airlines et** deciza fl-1 ta' Lulju 2005, fejn qalet illi jekk malafede jkun evidenti, l-principju ta' personalita' giuridika separata ma kellux japplika.

F'dan il-kaz huwa ovvju ghat-Tribunal, anke meta ra ix-xhieda ta' Charmaine Vella prodotta mill-konvenuta u l-fatt illi l-konvenuta Mary Rose Vella qatt ma dehret biex tixhed f'dawn il-proceduri, kif ukoll mill-assjem tal-provi prodotti, illi hawn si tratta ta' raggiri u ingann biex is-socjeta' taht liema isem hija deskritta tintuza bi skop li jigu evitati obbligi personali u, kif qalet is-sentenza fuq imsemmija (Nevada Limited u Cristad Limited vs Hubert Mifsud; Stefan Mifsud u Silvan Mifsud f'isimhom proprju; u H. Mifsud & Sons Limited), dan it-Tribunal mhuwiex sejjer ihares lejn finzjonijiet legali. Fejn si tratta ta' abbuzi serji mill-istess konvenuti, huma ghandhom gustament jinzammu responsabbli in solidum ma min ikun assuma l-obbligu principali.

Ikkunsidra

Illi apparti l-fatt illi l-konvenuta ergo hija personalment responsabbli versu r-rikorrenti u ma tistax tinheba wara finzjoni legali, dawn ir-raggiri u ingann da parti tal-intimata u l-kolloboraturi kollha taghha jannullaw kwalunkwe ftehim illi seta' ntlahaq bejn l-atturi u l-konvenuti. Kif ighid it-taghlim tad-dritt Ruman "quod nullum est nullum producit effectum". Ir-rikorrenti pero, tajjeb jew hazin, hadu xi beneficcju mill-mawriet taghhom fis-Serena Hotel ghas-snin minnhom indikat (tnax - il sena) u f'din il-kawza qeghdin jitolbu kumpens ta' €3,500 talli ma setghux igawdu l-kumplament (iktar minn nofs) ta' dan it-*time-share*. Fix-xhieda tar-rikorrenti Rita Palmier, hija tghid illi hallsu madwar Lm4,750 li b'kollox allura jigi vicin il-hdax - il elf Euro jew anke iktar. Dan ifisser illi qeghdin jitolbu anqas minn nofs ta' dak illi nefqu. It-Tribunal ghamel l-apprezament tieghu u jhoss illi ghandu jilqa' din it-talba fl-intier taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lil Mary Rose Vella u Serena Holidays Limited solidament bejniethom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500). Bl-ispejjez kontra l-istess Mary Rose Vella u Serena Holidays Limited solidalment.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru